

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

PROVIŻORJU  
2007/XXXX(INI)

3.4.2007

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-Prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku  
(2007/XXXX(INI))

Rapporteur għal opinjoni(\*): Sophia in 't Veld

(\*) Koperazzjoni mtejba bejn il-kumitati – Regola 47  
tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. Billi l-politika għall-enerġija Ewropea l-ġdida għal enerġija sostenibbli, sikura u kompettiva trid tkun waħda ambizzjuża u mmirata lejn benefiċċji fuq żmien twil, iffukata fuq il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, u tillimita l-vulnerabilità esterna ta' l-UE fuq l-importazzjoni, u tippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi;
  - B. Billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku (COM(2006)0841) u r-Rapport finali dwar l-Inkjesta Settorjali tal-Kompetizzjoni<sup>1</sup> jikkonkludu li r-regoli u l-miżuri ta' liberalizzazzjoni attwali wasslu għal xi ftit titjib fl-effiċjenza tal-forniment ta' l-enerġija u sabiex l-konsumaturi jiffrankaw, imma din it-tieqa fis-suq ma nfethix biżżejjed u baqa' ostakli għal kompetizzjoni libera, u għalhekk hemm bżonn li jittieħdu serje koerenti ta' miżuri;
  - C. Billi fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar Green Paper<sup>2</sup> dwar l-istrateġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura, il-Parlament Ewropew enfasizza li s-sistemi tat-trażmissjoni fis-settur ta' l-enerġija għandha ssirilhom separazzjoni tal-proprietà sħiħa hekk kif il-Kummissjoni tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni eżistenti mhix effettiva;
  - D. Billi l-qabża regolatorja transkonfinali attwali ma tistax tissolva bl-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni biss; billi koordinazzjoni rinfurzata bejn regolaturi ta' l-enerġija nazzjonali, b'irwol aktar b'saħħtu għas-supervizzjoni tal-Komunità biex tissalvagwardja l-interessi tas-Suq Intern, għandha tiġi żgurata;
  - E. Billi d-dejta disponibbli tissuġġerixxi li l-Istati Membri għamli biss użu limitat mill-obbligi għas-servizz pubbliku maħsuba biex jindirizzaw konsumaturi vulnerabbli;
1. Itenni li l-Istrateġija ta' Liżbona tista' tkun suċċess biss jekk isiru sforzi għall-istabbiliment ta' politika għall-enerġija komuni bbażata fuq viżjoni aktar wiesgħa ta' l-interess komuni Ewropew fil-qasam ta' l-enerġija;
  2. Jemmen li numru ta' nuqqasijiet serji identifikati mill-Inkjesta Settorjali jitlobu azzjoni urġenti biex twassal għall-istabbiliment ta' suq intern li jiffunzjona għall-enerġija permezz ta' l-isseparar tan-netwerk u l-attivitajiet ta' forniment, jiġu eliminati differenzi regolatorji eżistenti, jiġu indirizzati l-konċentrazzjoni tas-suq u l-ostakkli tad-dħul fis-suq, u tiżdied it-trasparenza fl-operazzjonijiet tas-suq;
  3. Jaqbel mal-Kummissjoni li m'hemmx proċess ta' liberalizzazzjoni alternattiv u jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw transpożizzjoni effettiva fuq Direttivi ta' liberalizzazzjoni eżistenti; aktar minn hekk japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi indirizzat in-

<sup>1</sup> Rapport finali tal-Kummissjoni dwar l-inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fis-setturi tal-gass u l-elettriku Ewropew (COM(2006)0851).

<sup>2</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0603

nuqqas ta' funzjonament tas-suq billi jiġu implimentati rimedji kemm dawk li jkunu bbażati fuq kompetizzjoni kif ukoll dawk regolatorji;

4. Japprova r-riżultati ta' l-Inkjesta Settorjali u jindika li separazzjoni legali u funzjonali kif bħalissa mitluba mil-leġislażzjoni, mhix biżżejjed biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' suq Ewropew ta' l-enerġija reali u kompetittiv; itenni li aċċess għan-netwerk li mhux diskriminatorju għandu jiġi żgurat u japprova bi sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni għal aktar azzjoni biex tkun żgurata separazzjoni tal-produzzjoni ta' l-enerġija mid-distribuzzjoni ta' l-enerġija;
5. Jinsisti li dispożizzjonijiet ta' l-isseparar tas-sjieda li jkunu b'saħħithom biss jagħtu inċentivi xierqa lill-operaturi tas-sistemi biex joperaw u jiżviluppaw netwerk fl-interess ta' l-utenti kollha; madankollu, jenfasizza li wieħed għandu jħares lejn is-separazzjoni bħala pre-kundizzjoni imma mhux bħala l-unika kundizzjoni għall-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta; jinsisti li jiġu implimentati miżuri xierqa biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn monopolji pubbliċi jispiċċaw isiru monopolji privati;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija, biex jitjiebu s-setgħat tagħhom, biex tiġi infurzata l-koordinazzjoni bejniethom u l-koperazzjoni bejn l-Operaturi tas-Sistema tat-Trażmissjoni (TSO);
7. Jenfasizza l-bżonn għall-armonizzazzjoni tal-livelli ta' poter u ta' indipendenza tar-regolaturi ta' l-enerġija;
8. Jaqbel li l-approċċ ta' l-ERGEG+ mhux tajjeb għal progress rapidu u effettiv fl-armonizzazzjoni ta' kwistjonijiet tekniċi neċessarji biex il-kummerċ transkonfinali jkun jista' jsir b'mod effettiv;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta biex assoċjazzjonijiet eżistenti ta' TSOs jingħataw rwol istituzzjonali b'obbligi u objettivi formali ("ETSO+GTE+ soluzzjoni"); Madankollu jikkunsidra li għandu jingħata aktar ħsieb għall-istabbiliment ta' operaturi tas-sistemi transkonfinali bi sjieda indipendenti sabiex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni tiġi msaħħa u mhux imfixkla; jemmen li għandhom isiru wkoll sforzi biex issir evoluzzjoni gradwali lejn operaturi reġjunali tas-sistemi;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tieġu azzjoni kontra dawk l-Istati Membri li jipproteġu b'mod mhux xieraq rappreżentanti ewlenin fil-qasam ta' l-enerġija (Energy Champions), anke permezz ta' l-użu tal-"golden share";
11. Jenfasizza li l-aċċess għall-informazzjoni tas-suq għandu jitjieb aktar u jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tintroduċi dispożizzjonijiet li jorbtu rigward it-trasparenza; jaqbel li l-informazzjoni rilevanti għas-suq għandha tiġi ppubblikata fuq bażi regolari fil-ħin u li għandu jiġi żgurat monitoraġġ xieraq;
12. Jinnota li obbligi mmirati ta' standard għoli universali u ta' servizz pubbliku (USOs u PSOs) għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' l-għajnuna statali u li l-liġi tal-kompetizzjoni tapplika fir-rigward ta' diskriminazzjoni tal-prezzijiet u restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid; jenfasizza li huwa ta' importanza kruċjali li l-impatt tat-tariffi ta'

forniment regolati li baqa' fuq l-iżvilupp tal-kompetizzjoni jiġu evalwati u li jitneħħew id-distorsjonijiet.